MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1233/2010

**Vodafone Malta Ltd**
**C-10865**

**vs**

**Maria Grima**
**I.D.384288(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenuta il-hlas tas-somma ta' hames mija tlieta u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€543.50), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti u skond ir-rendikont anness ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A.

Illi l-konvenuta giet interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effetiv, izda baqghet inadempjenti ghal tali

talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagamnet effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitamenta notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’  hames mija tlieta u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€543.50), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------